



Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14045/23

LIMITE

JUSTCIV 145
RELEX 1169
JAIEX 61
COCON 49
COAFR 368

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 13884/23	
Suġġett:	Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja: Linja li għandha tittieħed dwar l-adeżjoni tal-Botswana - Approvazzjoni

I. INFORMAZZJONI ĠENERALI TA' SPJEGA

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Coreper għall-kwistjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea¹ dwar l-adeżjoni tal-Botswana mal-Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007").

¹ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE.

II. IL-KONVENZJONI TAL-AJA TAL-2007

2. Fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva, skont l-Artikolu 3(2) TFUE, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jaffettwaw jew jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli komuni tal-UE dwar l-obbligi ta' manteniment².
3. L-UE hija parti kontraenti sħiħa għal din il-Konvenzjoni, li daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Awwissu 2014.
4. Skont l-Artikolu 58(3) tal-Konvenzjoni, kwalunkwe Stat terz jista' jaderixxi. Madankollu, skont l-Artikolu 58(5) tal-Konvenzjoni, tali adeżjoni għandu jkollha effett biss fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istat aderenti u daww l-Istati Kontraenti li ma jkunux qajmu oġġezzjoni għall-adeżjoni tiegħu fit-tmax-il xahar wara d-data tan-notifika tal-adeżjoni mid-depożitarju.
5. Fil-15 ta' Novembru 2022, id-Depożitarju nnotifika l-adeżjoni tal-Botswana għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007. L-iskadenza ta' tmax-il xahar għal kwalunkwe oġġezzjoni għall-adeżjoni proposta tiskadi fil-**15 ta' Awwissu 2023**.³
6. Skont l-informazzjoni tal-Kummissjoni, li ngħatat fid-dokument ST 12085/23 u għet ippreżentata bil-fomm fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) fis-6 ta' Settembru 2023, minkejja l-problemi marbuta mas-sitwazzjoni ekonomika diffiċli, b'mod ġenerali l-istat tad-dritt u l-ġudikatura fil-Botswana huma pjuttost sodisfaċenti.
7. Iż-żewġ għażliet politiċi kif jirriżultaw mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 huma: (a) L-ebda oġġezzjoni għal adeżjoni; (b) Oġġezzjoni għal adeżjoni.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment. (ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1–79).

³ Skont l-informazzjoni pprovduta mid-Depożitarju.
https://repository.overheid.nl/frbr/vd/011740/1/pdf/011740_Notificaties_54.pdf

III. ĠABRA FIL-QOSOR TAL-KONTRIBUTI MILL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR
MATERJI TA' DRITT ĊIVILI U R-RAKKOMANDAZZJONI TIEGĦU DWAR L-
ADEŻJONI TAL-BOTSWANA

8. Fl-20 ta' Ġunju, fis-6 ta' Settembru u fl-4 ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) ddiskuta l-adeżjoni tal-Botswana għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 u ma identifika ebda ostaklu fundamentali marbut mal-qasam tad-dritt ċivili li seta' jwassal għall-ħtieġa ta' oġġezzjoni. Il-Kummissjoni hija tal-istess fehma.
9. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali), għalhekk, qed jirrakkomanda lill-Coreper li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex tqajjem oġġezzjoni għall-adeżjoni tal-Botswana għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007.
10. Din ir-rakkomandazzjoni li tiġi approvata l-linja li għandha tittieħed fil-każ tal-Botswana hija mingħajr preġudizzju għall-proċedura li għandha tiġi segwita fil-futur biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-adeżjoni ta' Stati terzi għal tali Konvenzjonijiet tal-Aja li għandhom l-istess mekkaniżmu ta' adeżjoni bħall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007.

IV. KONKLUŻJONI

- 11. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova li l-linja li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea ma għandhiex tqajjem oġġezzjoni għall-adeżjoni tal-Botswana mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007.**
-